**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 2 ta' Mejju 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 86/2012JVC**

**Bella Claudia Nicoletta Cassar**

**vs**

**Desinel Limited; Anthony Cassar; Angerton Enterprises Limited; Town House Limited u Cassar Weaving Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici illi ppremettiet:

1. L-esponenti kienet mizzewga lill-konvenut Anthony Cassar izda imbaghad isseparaw b'kuntratt;

2. Il-konvenut Anthony Cassar huwa l-"ultimate beneficiary" tal-kumpaniji konvenuti Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited;

3. L-esponenti hija kreditrici tal-konvenuti Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limted, Town House Limited u Cassar Weaving Limited u dana kemm bis-sahha tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Josette Spiteri Cauchi ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2009 kif ukoll bis-sahha ta' att ta' tranzazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Abigail Schembri ta' nhar it-3 ta' Dicembru 2011, kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument BC1" u "Dokument BC2" rispettivament;

4. Fost affarijiet ohra, il-kumpanija konvenuta Angerton Enterprises Limited hija proprjetarja ta' u tiggestixxi "restaurant" li huwa maghruf bhala "Il-Mina Restaurant" u jinstab fi Triq Gwanni Pawlu t-Tieni, Ghasri, Ghawdex; il-kumpanija konvenuta Cassar Weaving Limited tiggestixxi hanut maghruf bhala "Fontana Cottage" li jinstab fi Triq il-Funtana, Fontana, Ghawdex imnejn tbiegh diversi oggetti tas-suf, bizzilla, "souvenirs" u ikel u l-kumpanija konvenuta Town House Limited hija proprjetarja ta' hwienet ohra li jinstabu wkoll fi Triq il-Funtana, Fontana Ghawdex li minnhom tbiegh oggetti tad-deheb, fidda, "souvenirs" u ikel u xorb tipiku tal-gzejjer Maltin;

5. Apparti illi l-esponenti hija kreditrici tal-konvenuti Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited, l-esponenti hija wkoll garanti solidali ta' u ma' l-istess

konvenuti Anthony Cassar, Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited ghad-djun illi dawn il-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom mal-kumpanija bankarja Lombard Bank p.l.c;

6. Skont il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-konvenut Anthony Cassar, ir-relazzjoni nterna ta' bejn l-esponenti u l-konvenut Anthony Cassar hija regolata fis-sens li dan ta' l-ahhar ghandu jhallas id-djun kollha dovuti lil din il-kumpanija bankarja;

7. Fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-konvenut Anthony Cassar, gie miftiehem illi l-esponenti tigi assenjata l-"farmhouse" bl-isem "Casa Bella" Triq il-Masri, Xaghra, Ghawdex u li l-imsemmi konvenut jiehu hsieb li din il-proprjeta' tigi rilaxxata minn kull garanzija ipotekarja u simili moghtija, fost ohrajn, lill-kumpaniji bankarji. Dan l-obbligu gie mgedded fl-att ta' tranzazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu ukoll hawn fuq imsemmi billi l-konvenut Anthony Cassar kien naqas milli jonora dak l-obbligu fiz-zmien miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni;

8. Is-sitwazzjoni ghal dak illi jirrigwada l-imsemmija kumpanija bankarja hija differenti billi ghaliha l-esponenti ghadha garanti solidali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fil-fatt, il-kumpanija bankarja Lombard Bank p.l.c., li hija l-akbar kreditur involut, baghtet l-ittri ufficjali relattivi permezz ta' liema talbet il-hlas ta l-ammonti kollha dovuti lilha. Id-dejn dovut lil din il-kumpanija bankarja huwa ta' cirka zewg miljuni Euro (€2,000,000);

9. Il-kumpanija konvenuta Desinel Limited hija kumpanija tal-konvenut Anthony Cassar li kienet topera u tbiegh minn gewwa "hut" fil-"Crafts Village" ta' Ta' Qali qabel ma giet zgumbrata b'ordni mahruga mill-kumpanija Malta Industrial Parks Limited. Illum il-gurnata din il-kumpanija ma fadlilha l-ebda operat kummercjali. Il-kumpanija konvenuta Desinel Limited mhijiex la debitrici u lanqas garanti solidali ghad-djun dovuti lill-kumpanija bankarja Lombard Bank p.l.c hawn fuq imsemmija;

10. Dan l-ahhar ingab a konjizzjoni ta' l-esponenti illi minkejja l-obbligi assunti mill-konventi jew min minnhom, ma humiex qeghdin jithallsu d-djun dovuti lill-kumpanija bankarja hawn fuq imsemmija b'mod illi l-pozizzjoni taghha bhala garanti solidali kienet ser jew qeghdha tigi pregudikata bir-riskju li l-istess kredituri jmexxu bis-subbasta fuq il-proprjeta' taghha. Mhux hekk biss. Ingab ukoll a konjizzjoni ta' l-esponenti illi pagamenti sostanzjali li kienu fil-fatt dovuti lill-kumpaniji konvenuti Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited, jew min minnhom, minghand terzi kienu qeghdin jinhargu f'isem il-kumpanija konvenuta Desinel Limited. L-"epos machines" fil-hwienet gestiti mill-imsemmija kumpaniji ossija Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited ma kienux intestati fuq dawn il-kumpaniji izda fuq il-kumpanija konvenuta Desinel Limited;

11. B'hekk gara li l-kumpanija konvenuta Desinel Limited kienet u qeghdha tircievi flus li ma kienux jispettaw lilha. L-esponenti hija nfurmata illi somom sostanzjali minn dawn il-flus ma gewx uzati ghal

skopijiet ta' negozju tal-kumpaniji li lilhom jappartjenu fil-verita' dawn il-flus;

12. Evidentament b'din il-manuvra, il-konvenut Anthony Cassar zvesta minn somom sostanzjali ta' flus lill-kumpaniji konvenuti Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited bi pregudizzju ghal dawn il-kumpaniji konvenuti stess u ghall-kumpanija bankarja kreditrici Lombard Bank p.l.c.;

13. Apparti minn hekk, id-drittijiet u l-pozizzjoni ta' l-esponenti qeghdha tigi evidentament ippregudikata ghaliex il-kumpanija bankarja kreditrici msemmija mhijiex tithallas u l-esponenti qeghdha tigi mhedda bi procedura gudizzjarji nkluzi dawk ta' subbasta;

14. Jezistu ghalhekk ragunijiet bizzejjed sabiex il-flus kollha li kienu jispettaw lill-kumpaniji konvenuti Angerton Enterprises Limited, Town House Limited u Cassar Weaving Limited, jew min minnhom, u thallsu lill-kumpanija konvenuta Desinel Limited jintraddu lura minn din ta' l-ahhar b'mod li l-kredituri tal-kumpaniji l-ohra jkunu jistghu jenforzaw id-drittijiet taghhom;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet kellha tigi pprezentata din il-kawza;

16. Dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet pagamenti li ma kienux jispettaw lilha izda kienu jispettaw lill-konvenuti l-ohra jew min minnhom;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-manuvri li ghamlu l-konvenuti jew min minnhom permezz ta' liema l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet pagamenti li ma kienux jispettaw lilha izda lill-konvenuti l-ohra jew min minnhom saru b'qerq u bi pregudizzju tad-drittijiet ta' l-esponenti;

3. Tiddikjara, konsegwentament, illi tali pagamenti huma nulli, bla effett u ma jiswewx fil-konfront ta' l-esponenti u fl-interess taghha;

4. Tillikwida l-ammont ta' pagamenti illi l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet u illi ma kenux jispettaw lilha izda lill-konvenuti l-ohra jew min minnhom;

5. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Desinel Limited sabiex tiddepozita s-somma hekk likwidata fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorita' taghha sabiex dina s-somma tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha skont il-ligi, inkluzi l-kredituri ta' dak il-konvenut li gie zvestit mill-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 206/2012 kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat illi r-risposti tal-intimati gew sfilzati permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 8 ta' April, 2014 (fol. 91 tal-process).

Rat illi ghalkemm fil-verbal tal-4 ta' Ottubru 2013 (fol. 87) Dr. Kevan Azzopardi stralcjarju tas-socjeta' konvenuta Cassar Weaving Limited ta ruhu notifikat bl-atti u nghata terminu sabiex jipprezenta risposta, fl-atti ma dahlet l-ebda risposta.

Rat l-affidavits, xhieda u dokumentazzjoni kollha fl-atti;

Rat li fit-2 ta' Marzu, 2018 wara li nstemghet it-trattazzjoni finali l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-rikors guramentat odjern l-attrici qed tittenta tezercita' l-*Actio Pauliana* stante li ssostni li l-kumpanija intimata Desinel Limited approprjat ruhha minn fondi tal-kumpaniji l-ohra intimati u dan bil-konoxxenza tad-direttur u azzjonist taghhom il-konvenut Anthony Cassar bl-ghan li l-flus hekk approprjati ma jaghmlux tajjeb ghad-djun kbar tal-kumpaniji u tal-konvenut l-iehor. L-attrici ssostni li hija ghandha l-jedd li tezercita din l-azzjoni stante li hi flimkien ma' zewgha l-konvenut u l-kumpanija konvenuti (ad eccezzjoni ta' Desinel Limited) jaghmlu tajjeb ghad-dejn kollu tal-istess kumpaniji, fost ohrajn anki permezz tad-

dar matrimonjali tal-attrici li giet trasferita lilha fil-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn zewgha l-konvenut Anthony Cassar.

Illi mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Novembru, 2009 a fol. 10 et seq. tal-process jirrizulta li giet trasferita a favur l-attrici d-dar gia matrimonjali bl-indirizz Casa Bella, Triq il-Masri, Xaghra, Ghawdex kif soggetta izda ghall-fatt li kienet qed taghmel tajjeb ghad-dejn tal-kumpaniji b'mod partikolari dak dovut lil-Lombard Bank, kumpaniji li l-ishma taghhom gew trasferiti lill-konvenut Cassar. Il-konvenut Cassar obbliga ruhu li fi zmien sena jillibera l-fond gia matrimonjali mill-pizijiet ta' fuqu izda dan jirrizulta li ma sehhx. Rat illi mill-istess kuntratt il-kumpaniji intimati Angerton Enterpises Limited u Town House Limited wkoll ghamlu tajjeb sabiex il-fond trasferit lill-attrici jigi liberat minn kull dejn u pizijiet (fol. 17);

Illi a fol. 26 tal-process gie esebit kuntratt iehor datat 3 ta' Dicembru, 2011 u dan ta' Ftehim u Kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' mitejn u hamsa u sebghin Elf Euro (€275,000) a favur l-attrici u dan bl-ghan li jinghalqu l-kwistjonijiet li kien ghad baqa' pendenti wara l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi Cassar.

Rat illi fil-affidavit tal-attrici a fol. 225 et seq tal-process jirrizulta li l-kumpanija intimata Desinel Ltd. kienet kumpanija ntiza unikament sabiex topera 'hut' gewwa l-'Crafts Village' f'Ta Qali, Malta u li din ma kellha l-ebda attivita' f'Ghawdex wisq anqas kellha x'taqsam mal-attivita' tal-kumpaniji l-ohra intimati li lkoll joperaw minn stabbilimenti gewwa Ghawdex. Madanakollu l-attrici tispjega li fis-sena 2011 it-

transazzjonijiet jew ahjar pagamenti permezz tal-'credit-card' minn klijenti tal-kumpaniji ntimati operanti minn Ghawdex (li jeskludu Desinel Ltd.) bdew jghaddu go kontijiet bankarji li nfethu fis-sena 2011 f'isem l-istess kumpanija Desinel Ltd. Skont l-attrici dan kollu bil-konoxxenza u approvazzjoni ta' Anthony Cassar. Skont l-attrici dan l-agir sar sabiex appuntu flus li primarjament kienu tal-kumpaniji konvenuti debituri tal-attrici (cioe' eskluz Desinel Ltd.) jidhlu fil-kontijiet bankarji ta' kumpanija li ma ghandhiex tali obbligu fil-konfront tal-attrici u lanqas fil-konfront ta' kredituri ohra, dan bi frodi cara tal-kredituri taghhom.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta s-Sur Alvin Scicluna a fol. 102 et seq tal-process jirrizulta li verament fis-sena 2011 nfethu tliet kontijiet f'isem il-kumpanija ntimata Desinel Ltd. Jirrizulta wkoll li almenu fi tnejn mill-kontijiet principalment kienu jidhlu biss pagamenti li jsiru tramite l-EPOS u cioe' l-magna tal-'credit-cards' li l-istess xhud jikkonferma li kienet tinsab fil-hwienet tal-kumpaniji ntimati (eskluz Desinel Ltd) gewwa Ghawdex bl-indirizz indikat ikun 6, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex (ara fol. 124 tal-process).

Illi wara analizi tad-dokumenti kollha esebiti mill-istess xhud a fol. 110 tal-process u li jikkonsistu fl-'istatements' tat-tliet kontijiet involuti jirrizulta s-segwenti:

1. Kont numru 40019961132 mmarkat AS 1: F'dan il-kont jirrizulta li nhar l-1 ta' Gunju, 2011 sar depozitu ta' tnax-il elf, seba' mija u erbgha u sebghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€12,747.55) u konsegwentement ma dahlux aktar depoziti izda nhargu l-flus kollha

permezz ta' cekkijiet sakemm bdew jinhargu cekkijiet ma jissarfux. Ma tressqet l-ebda prova fl-atti dwar minn fejn gie d-depozitu originali ta' tnax-il elf, seba' mija u sebgha u erbghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€12,747.55);

2. Kont numru 40021020061 immarkat AS 2: F'dan il-kont jirrizulta li sar depozitu originarjament ta' hamest elef Euro (€5,000) nhar it-2 ta' Awwisu, 2012 u ngibed dakinhar stess. Is-sors ta' dan id-depozitu jidher li kien il-kont l-iehor AS 3 fejn f'pagna. 39 tal-'istatement' jirrizulta li nhar it-2 ta' Awissu, 2012 ngibdet is-somma ta' €5,000 biex infetah kont iehor. Minn dakinhar jidher li fih dahlu biss flus mill-EPOS f'Ghawdex u minn ebda lok iehor. Tidher ukoll tendenza li meta jingabru certu ammonti dawn jigu sbankati u jithalla biss bilanc zghir fil-kont biex jibqa' miftuh. It-total ta' depoziti li saru f'dan il-kont mill-EPOS huwa ta' sittax-il elf, tliet mija u tmienja u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€16,368.99);

3. Kont numru 40019961129 mmarkat AS 3: F'dan il-kont jirrizulta li originarjament saru zewg depoziti ta' elf, hames mija u disgha u hamsin Euro (€1,559) u elfejn, erba' mija u hamsa u erbghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€2,445.74) li ma tressqitx prova tas-sors taghhom. Saru wkoll xi depoziti ohra mhux zghar f'dan il-kont izda ma tressqitx fl-atti prova tas-sors ta' dawn id-depoziti. Konsegwentement sakemm inghalaq jidher li fih ukoll dahlu pagamenti mill-EPOS tal-kumpaniji konvenuti stazzjonati f'Ghawdex. Tidher ukoll l-istess tendenza (ghalkemm mhux ovvja daqs fil-kont l-iehor) li jingibdu l-flus meta dawn jakkumulaw fil-kont. It-total ta' depoziti li saru f'dan il-kont mill-EPOS

huwa ta' mija, erbgha u sebghin Elf, mitejn u tlettax-il Euro u tmienja u tletin centezmu (€174,213.38).

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' Eugene Bugeja a fol. 198 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li meta hu beda jara li l-kumpaniji ntimati bdew jitmexxew minn Anabel Monreal u ma baqax fil-kontrol il-konvenut kuginuh Anthony Cassar tant li hi bdiet tigbor il-kontanti kollha u tkecci l-impjegati kollha, huwa ma riedx aktar responsabbilita' ta' dak li kien qed jigri u rrizenja minn direttur tal-kumpanija Angerton Ltd. Konsegwentement meta sar jaf bil-likwidazzjoni tal-kumpanija konvenut Cassar Weaving Ltd. irrizenja wkoll minn segretarju tal-kumpanija Angerton Ltd.

**Bazi legali:**

Illi azzjoni ta' din ix-xorta toffri rimedju mhux biss lill-kredituri pekunjarji imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament isib ruhu defrawdat permezz tal-att li jimpedih, jekk ma jigix annullat, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.[1]

L-azzjoni pawljana *ossia* revokatorja ghandha zewg rekwiziti taghha essenzjali, li huma l-frodi u d-dannu:

[1] Vol. XXVIII p.I p. 254.

*"Il-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista' jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista' jkun ukoll tali li fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat".*[2]

*"Ghad-debitur il-"consilium fraudis" jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut ossia ikun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibilita'. Ghat-terz jirrikorri l-"consilium fraudis" kull meta fil-waqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur".*[3]

Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Giuseppina armla minn Giuseppe Ciancio vs Michele Buontempo et"**, deciza fl-**20 ta' Novembru, 1950**. F'dik is-sentenza l-Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-kuntratt *ossia* skrittura mpugnata kif isegwi:

*"ir-ragel taghha (ta' l-attrici) ghamilha bl-intenzjoni li jaghmel hsara u jippregudika d-drittijiet ta' martu mentri l-kontraent l- iehor (it-terz) kien jaf b'dik il-hsara u b'dak il-pregudizzju li l-attrici appellata kienet sejra ssofri bhala konsegwenza tan-negozju maghmul bl-imsemmija skrittura".*

*"L-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma*

[2] Vol XLV.II.700.
[3] Vol XXXIV.III.851.

*huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att ser ikun leziv ghall-kreditur. Fir-rigward ta' l-"eventus damni" "dan jikkonsisti fil- pregudizzju li jsofri l-kreditur mill-fatt tad-debitur u l- pregudizzju jivverifika ruhu appuntu meta bil-fatt tieghu d- debitur jilledi d-dritt kreditorju".*[4]

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicinoa noe vs. Vincent u Maria Pace et. (**PA NC 1991/1997/1) deciza nhar il-15 ta' Ottubru, 2003 inghad kif isegwi:

*'Illi l-effett ta' din l-azzjoni huwa wiehed restitutorju fis-sens li, jekk tigi sostnuta b' success, il-kreditur jitpogga fl-istess kondizzjoni li kien fiha qabel ma kien sehh l-att frawdolenti ghad-dannu tieghu.*

**Mertu:**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz, m'hemmx dubju mill-atti, fil-fehma tal-Qorti, li l-manuvri tas-socjetajiet konvenuti bil-benevolenza tal-konvent Cassar sabiex il-bejgh kollu taghhom li jghaddi mill-EPOS jidhol f'kontijiet ta' kumpanija li ma kinitx qed taghmel tajjeb ghad-dejn taghhom fil-konfront ta' bosta kredituri nkluzi l-attrici u l-Lombard Bank jikwalifikaw bhala l-frodi rikjest sabiex tigi applikata din l-azzjoni.

Illi fir-rigward tal-element tal-*consilium fraudis,* minn dak li rat il-Qorti fl-atti ma ghandhiex dubju li dawn il-manuvri saru b'mod intenzjonat sabiex il-konvenuti jaharbu mill-obbligi taghhom ta' hlas lill-attrici u l-kredituri l-ohra. Evidentement dan sar ukoll sabiex il-konvenut Anthony

[4] Vol. XXXIX.I.24.

Cassar jibqa' jghix hajja ta' sinjur (ssir referenza ghal-pagamenti ta' eluf ta' Euro lil Julian Sultana ghal kera ta' 'farmhouse' fejn skont l-attrici l-konvenut kien qed jghix mas-siehba tieghu Anabel Monreal – ara dok AS 3 a fol. 110 tal-process) a skapitu tad-dejn dovut minnu u mill-kumpaniji tieghu. Dan meta l-konvenut Cassar kien evidentement jaf li l-kumpaniji konvenuti kollha (eskluz Desinel Ltd.) kellhom problemi finanzjarji kbar fosthom dejn kbir ammontanti ghall-miljuni ta' Euro.

Illi l-fatt li hafna mill-flus iddepozitati fil-kontijiet tal-kumpanija Desinel Ltd. kien jingibdu tista' tghid mill-ewwel minghajr hafna drabi ma kienx ikun hemm tracca ta'x'qed isir minnhom jevidenzja wkoll l-element ta' *mala fede* mill-kumpanija ntimata Desinel Ltd. Stante wkoll li l-kumpanija konvenut Desinel Ltd. hija wkoll kumpanija tal-konvenut Anthony Cassar din il-Qorti ma ghandhiex dubju li kienet taf bil-kundizzjoni finanjarja prekarja tal-kumpaniji l-ohra u tal-konvenut u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-dannu soffert mill-kumpaniji l-ohra konvenuti u mill-attrici billi tigi kkundannata tirrestitwixxi dawk il-pagamenti kollha li *ab inizio* kellhom jidhlu fil-kontijiet tal-kumpaniji l-ohra konvenuti u mhux f'tal-kumpanija Desinel Limited.

Illi l-fatt ukoll li d-dar tal-attrici taghmel tajjeb ghad-dejn tal-kumpaniji konvenuti mal-kredituri taghhom fosthom id-dejn kbir mal-Lombard Bank jekwivali ghall-kreditu valutabbli b'mod pekunjaru w'allura jaghti l-fakulta' lill-attrici li tezercita' b'success l-azzjoni odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti tiddisponi mill-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet pagamenti li ma kienux jispettaw lilha izda kienu jispettaw lill-kumpaniji konvenuti l-ohra;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-manuvri li ghamlu l-konvenuti kollha permezz ta' liema l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet pagamenti li ma kienux jispettaw lilha izda lill-kumpaniji konvenuti l-ohra saru b'qerq u bi pregudizzju tad-drittijiet ta' l-esponenti;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara, konsegwentement, illi tali pagamenti huma nulli, bla effett u ma jiswewx fil-konfront ta' l-esponenti u fl-interess taghha;

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-ammont ta' pagamenti illi l-kumpanija konvenuta Desinel Limited irceviet u illi ma kienux jispettaw lilha izda lill-kumpaniji konvenuti l-ohra ghas-somma ta' mija u disghin elf, hames mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmu (€190,582.37);

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Desinel Limited sabiex tiddepozita s-somma ta' mija u disghin elf, hames mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmu (€190,582.37) fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorita' taghha sabiex dina s-somma

tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha skont il-ligi, inkluzi l-krredituri ta' dak il-konvenut li gie zvestit mill-istess.

Bl-ispejjez kif mitluba nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 206/2012 kontra l-konvenuti kollha in solidum bejniethom.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur